# L-armar f' Ħal Luqa matul is-snin



L-armar fil-Festi huwa element importanti li jsawwar din il-manifestazzjoni ta' brijju u taħlita ta' reliġjon mal-profan. L-irħula Maltin u Għawdxin nistgħu ngħidu li kollha għandhom it-tradizzjonijiet uniċi tagħhom fejn jidħol l-Armar. Uħud minn dawn it-tradizzjonijiet huma antiki, oħrajn aktar riċenti.

Huwa magħruf li l-festi bdew ikunu ċċelebrati fis-seklu sittax. F'dan il-perjodu, ma kienx hawn il-baned u l-elementi tal-festa kif nafuha llum. Minflok, kont issib xi familja nobbli mir-raħal li kienet tqassam l-ikel lin-nies foqra tar-raħal. Fl-istess perjodu bdew twaqqfu l-fratellanzi, beda jiżdied aktar l-interess u anke l-pika. Bdew isiru l-purċissjonijiet bl-istatwi. Ċertu rħula mxew iktar minn oħrajn fl-istatwi proċessjonali hekk li wħud minnhom bdew joħorġu fis-seklu 17. F' Ħal Luqa l-istatwa titulari ta' Sant' Andrija saret fl-1779.

L-armar li beda jsir fil-bidu kien jikkonsisti f'injam tal-kaxxi tal-merkanzija li kien jinfetaq fi twavel u minnu kienu jsiru l-kolonni u l-pedestalli. Mill-qsari tat-triq sabiex iżejnu t-toroq għas-sagrament fi żmien Corpus, nibtu l-kolonni bil-pilandri. Dawn kienu jinxtegħlu bit-tazzi taż-żejt u kien ikollhom il-brazzi tal-ħġieġ. Aktar tard beda jintuża l-aċitilena u l-elettriku. Mill-bnadar li kienu jinġiebu minn fuq ix-xwieni tal-ordni u li bihom kien isir it-tiżjin, nibtu t-trofej bl-arma u b'sitt jew tmien standardi.

Mill-kollonni tal-irħam li naraw fil-pjazzez tal-ibliet fi Sqallija u l-Italja, il-pajjiż ġar tagħna, nibtu l-kolonni u l-pedestalli tal-injam biex fuqhom jittellgħu l-istatwi u jintramaw it-Toroq.



Il-pika esaġerata hija ħażina, iżda kulħadd jaqbel li mingħajr ftit pika l-affarijiet ma jsirux. Hekk ġara fl-oqsma kollha li jsawru l-festa bħall-baned, brijju u n-nar u anke l-armar.

**F' Ħal Luqa ....**

Wara t-twaqqif ta' l-ewwel formazzjoni mużikali f' Ħal Luqa fl-1878 bl-isem **La Stella** u l-firda li seħħet fl-1880, il-festa ta' Ħal Luqa tal-1884 rat liż-żewġ Baned jdoqqu għall-ewwel darba. Minn dak in-nhar 'l hemm qatt ma ħarsu lura. Fl-isfond ta' dan kollu bejn l-1880 u l-1883 fil-pajjiż kien hawn ħafna proġetti ta' bini ta' djar, toroq u l-istazzjonijiet tal-ferrovija tal-Belt u l-Ħamrun. Dan wassal sabiex il -Ħalluqin, li ħafna minnhom kienu jaħdmu fis-sengħa tal-bini bdew jaqilgħuha tajjeb. Din is-sitwazzjoni għenet mhux ftit sabiex il-festa tar-raħal kibret ġmielha. Matul is-sena 1885, huwa mifhum li nħadem armar ġdid għal Triq il-Karmnu, t-triq fejn dak iż-żmien kienet tinsab l-ewwel s-sede tal-Għaqda Mużikali Sant' Andrija. Dan l-armar kien sar fuq disinn tal-perit magħruf Ħal Luqi Andrea Vassallo. Il-Perit Vassallo kien il-moħħ wara d-disinn ta' binjiet importanti li nbnew fis-seklu 19, ewlenin fosthom il-Bażilika tal-Madonna ta' Pinu ġewwa l-Għarb Għawdex.

Sa minn qabel l-1884, huwa mifhum li kien jintrama palk tal-banda bl-arkati, simili għal dak li għadu jintrama fil-Furjana u f'Ħal Qormi. Qabel ma nfetħu n-navi tal-Knisja parrokkjali, dan il-palk kien jintrama fuq iz-zuntier. Wara dan ħa postu f'Misraħ il-Knisja biswit l-istatwa tal-Kunċizzjoni. Minn dan il-planċier ma fadal xejn għajr għal xi panewijiet bil-pittura tal-istrumenti li sabu ruħhom parti minn armarju fil-kampnar tan-naħa ta' Misraħ il-Knisja.

Bejn l-1884 u l-1886 saru wkoll żewġ opri importanti tal-armar f'Ħal Luqa, xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin. Fl-1884, is-Socjeta' Filarmonika L-Unjoni żanżnet l-istatwa tal-Anġlu simbolu tal-Martri. Sena wara, għalkemm kien għadu għaddej xogħol tal-armar ta' Triq il-Karmnu, l-Għaqda Mużikali Sant' Andrija bdiet ix-xogħol fuq pedestall u statwa ta' Malta Gwerriera, li ġew imżanżna fl-1886. Id-disinn tal-pedestall sar mill-Perit Luqi Andrea Vassallo.


Il-Martirju ta' Sant' Andrija - il-Pedestall sar fuq disinn tal-Perit Andre Vassallo fl-1924. Mhux magħruf min ħadem l-istatwi.

L-Inawgurazzjoni ta' dawn iż-żewġ statwi u l-planċier ewlieni li kien hawn fir-raħal dak iż-żmien wassal sabiex daħlet it-tradizzjoni magħrufa bħala tad-dritta. Dak iż-żmien id-dritta kienet tkun ta' min kien imissu jdoqq fuq dan il-Palk.

Min kien imissu jdoqq, kien ukoll jarma l-istatwa u l-pedestall tiegħu (L-Anġlu jew il-Malta) f'nofs il-Misraħ. It-tradizzjoni tad-dritta għadha ħajja sal-lum f'Ħal Luqa, permezz tas-servizzi mużikali li jkunu alternati minn sena għal sena. Min ikollu d-dritta jkollu aktar servizzi mużikali u tul aktar ta' ħin fil-marċ ta' Lejliet il-Festa.

Il-kontribut tal-Perit Andrea Vassallo ma waqafx hawnhekk. Fl-1924 huwa tqabbad sabiex jagħmel disinn tal-pedestall tal-Martirju ta' Sant' Andrija. Dan il-grupp ta' statwi li kienu jirrapreżentaw lil Sant' Andrija għarkubtejh quddiem is-Salib, bis-suldati madwaru kien sar minn flus li nġabru mill-emigranti Ħalluqin fil-Kanada.

Din l-opra tal-Armar kienet tintrama fil-wesgħa li hemm f'Misraħ il-Knisja li twassal għal Triq il-Parroċċa.

Bħal kull lokalita' oħra l-armar f'Ħal Luqa kompla jiżdied matul is-snin. Żvilupp importanti seħħ fl-1984 meta l-Kappillan kien iddeċieda li jgħaddi l-armar tal-pjazzez li sa dak iż-żmien kien jintrama mill-Knisja liż-żewġ każini tal-banda. L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija kienet ħadet f' idejha is-sett tal-pilandri u t-trofej l-antiki li kienu jdawru ż-żewġ msieraħ madwar il-Knisja. Filwaqt li posthom ħadu armar aktar rikk u maestuż. Ħafna mill-armar antik kien restawrat bejn is-snin 1997 u s-sena 2000. Permezz tal-programm NISTA, dan l-armar qed ikompli jkun restawrat sabiex ikompli jitgawda mill-pubbliku u jinżamm f'kundizzjoni tajba.

**Riferenzi:**

Bonniċi Brian - L-Armar fil-Festi tagħna - Analiżi ta' wirt intanġibbli – Għaqda Każin Banda San Filep - Festa 2015, Pg 227.

Grech Jesmond - L-Għaqda Mużikali Sant' Andrija - twelidha u ġrajjietha - Pg 366 - 367. Informazzjoni meħuda mill-manuskritt miktub minn Noe Ciappara fl-1978.

Morana Anton - Il-Pedestall tal-Martirju ta' Sant' Andrija – Pubblikazzjoni tal-Festa – Għaqda Mużikali Sant' Andrija, Pg 119.



**Dehra tal-Knisja l-antika ta' Ħal Luqa bil-Misraħ prinċipali jkun dak maġenb il-Knisja. F'din il-pittura ta' Raphael Caruana Dingli tidher purċissjoni bil-fratelli - xena tipika ta' purċissjoni**